**25 ta' April, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Tanya Zammit

*versus*

John Spiteri

**Danni - Inċident Awtomobilistiku - Xhieda - Kredibilita` ta' *Indignation* ta' Parti waqt ix-Xhieda tal-Kontro-parti**

*Kawża fuq danni f'inċident awtomobilistiku kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell.*

*Miċħuda il-lanjanza ta' l-appellant dwar ir-riflessjoni ta' l-ewwel Qorti fil-kuntest tal-kredibilita` tal-provi dwar l-*indignation *ta' l-attriċi waqt li xehdu l-konvenut u martu.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza appellata ta' l-20 ta' Ottubru, 1993 taqra hekk:

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attriċi fis-27 ta' April, 1992 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut bħala persuna responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fil-5 ta' Lulju, 1991 ġewwa l-Imsida meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru E-7662 u ħabat fil-vettura ta' l-attriċi bin-numru G-8567 misjuqa minnha u jiġi kkundannat li jħallas is-somma ta' mija u tlieta u sebgħin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm173.77) jew somma oħra verjuri okkorendo n-nomina ta' periti nominandi, liema somma hija soffriet in linea ta' danni fil-vettura minħabba dan l-inċident. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut li ġie ingunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-26

ta' Mejju, 1992 fejn eċċepixxa illi l-inċident referit mill-attriċi fl-avviż odjern ġara unikament tort tagħha u għalhekk it-talbiet tagħha huma insostenibbli;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-fakolta' li ġiet mogħtija mill-Qorti fit-23 ta' Marzu, 1993 biex jiġu pprezentati noti ta' osservazzjonijiet;

Illi benche' dan it-terminu ġie estiż xorta waħda l-partijiet baqgħu inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-attrċi jidher illi l-kolliżjoni ġrat kif ser jingħad:

Illi hija kienet fuq il-*bridge* ta' l-Imsida li taqsam Valley Road ġejja minn Santa Venera sejra lejn l-Imsida. Waqfet fuq l-i*stop sign* tellgħet il-*hand brake* ħarset fuq ix-xellug u rat il-*land rover* tiela', sakemm kienet għadha fuq l-i*stop sign* u *stationary,* il-karozza tal-konvenut E-7662 daħlet fiha minn wara;

L-attriċi ma taqbel xejn ma' l-iskizz li juri liż-żewġ karozzi oltre l-i*stop sign*;

Mill-banda l-oħra l-konvenut u martu jsostnu illi l-attriċi kienet strumblata minn manuvra tal-*land rover* li għaddietha bi *speed* u li għalhekk l-attriċi waqqfet il-karozza tagħha u din bdiet nieżla lura u b'hekk li ġrat il-kolliżjoni;

Illi dawn il-versjonijiet huma kontrastanti għall-aħħar u jidher illi din il-kawża trid tiġi riżolta bħala kwistjoni ta' kredibilita'. Illi l-Qorti rat bir-reqqa x-xhieda ta' l-attriċi u l-mod emfatiku li bih sostniet it-teżi tagħha u l-*indignation* li wriet meta kienu qegħdin jixhdu l-konvenut u martu. Illi jidher ipprovat a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi d-danni subiti mill-attriċi f'din il-kolliżjoni jammontaw għal Lm173.77 kif jidher minn dok. 2 a fol. 12 tal-proċess;

Illi għal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli għall-kolliżjoni li ġrat bejn il-vetturi tal-partijiet fl-Imsida fil-5 ta' Lulju, 1991 tilqa' t-talba ta' l-attriċi, tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm173.77 in linea ta' danni subiti fl-imsemmija kolliżjoni meritu ta' l-avviż. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant jattakka l-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti eżerċitat l-apprezzament tagħha tal-provi u waslet għall-konklużjoni li tagħti affidament lill-attriċi u mhux lill-konvenut. Filwaqt li jirrileva li parti mill-provi nstemgħu mill-ewwel Qorti ppresjeduta minn Maġistrat differenti, huwa jilmenta mill-importanza mogħtija lill-aspett ta' *indignation* imsemmi fis-sentenza msemmija;

Imbagħad l-appellant jagħmel sottomissjonijiet dwar il-meritu proprju billi jissottometti raġunijiet għala skond hu l-versjoni ta' l-attriċi kienet inattendibbli u mhux dik tiegħu li tinsab korroborata minn martu u anke minn ċirkostanzi oħra;

Effettivament, ir-riferenza - riflessjoni - ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għall-*indigntion* tista' tkun ċensurabbli daqs kemm tista' tkun importanti skond iċ-ċirkostanzi. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tara li m'għandhiex biżżejjed biex tiddeċidi li l-osservazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żejda jew irregolari u kif ingħad tali apprezzament - dejjem skond iċ-ċirkostanzi - jista' jkollu importanza kbira;

Kwantu għall-meritu, hawn ukoll din il-Qorti ma tarax li għandha biżżejjed biex tista' tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti;

Għalhekk qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.